MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Talba Numru. 115/2010

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Matthew Frendo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' erba' mija u tnejn u erbghin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€442.77), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 409911 u dan fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, kif ukoll il-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma' dana l-att u l-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li fis-seduta tat-12 ta' April, 2010, il-konvenut deher u ammetta li huwa debitur fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-konvenut ammetta li huwa jrid ihallas lis-socjeta' attrici, s-somma ta' erba' mija u tnejn u erbghin ewro u sebgha u sebghin centezmu (€442.77), somma li tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici in rigward ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 409911 u dan fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Is-socjeta' attrici naqset illi tipproduci l-ittra ufficjali u naqset li tindika d-data preciza ta' l-istess ittra.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghaxijiet mid-data meta nfethet il-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------